**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u sbatax il-laqgħa (laqgħa ta' kontinwazzjoni) tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgħa 7 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici | Kunsillier |

Is-Sur Cedric Valletta kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk is-Sur Cedric Valletta ġie skużat mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn l-4 ta' Ottubru u s-7 ta' Novembru 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

### *3.1 Door Numbering Unit – Numerazzjoni ta' bibien*

Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba mid-*Door Numbering Unit* biex jidentifikaw dawk it-toroq li hemm bżonn jiġu nnumerati. Il-Kunsilliera identifikaw Triq id-Duluri, Sqaq il-Ghajn, Triq Indri Cilia u Triq Villambrosa. Ġie deċiż li naraw ir-Reġistru Elettorali biex jiġu identifikati toroq oħra.

*3.2 Hobbies Society – Spejjeż għall-Wirja ta' l-Artiġjanat*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Hobbies Society li l-ispejjeż għall-Wirja ta' l-Artiġjanat li saret fil-club tagħhom għall-attivita' tal-Festival taċ-Ċikkulata jlaħqu €250.00 li jinkludi l-għeluq tal-mejda tal-*billiard*, dawl, tindif, u xogħol preparattiv u żarmar. Il-Kunsill iddeċieda li l-ħlas m'għandux ikun aktar minn €100.00 għall-użu tas-sala.

*3.3 Mediterranean Insurance Brokers – Assigurazzjoni Car Park*

Il-Kunsill approva li jestendi l-polza tal-assigurazzjoni tal-Parkeġġ biex ikopri ħsarat lill-Terzi Persuni. Il-ħlas dovut huwa ta' €150 fis-sena.

*3.4 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar Inizjattiva ta' Attivitajiet*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li reġa' tnieda l-iskema dwar Inizjattiva ta' Attivitajiet għas-sena 2012/13. Il-Kunsill approva unanimament li jerġa' japplika għall-fondi għall-Festival taċ-Ċikkulata li ser isir l-aħħar Sibt ta' Ottubru 2013. Ġie deċiż li ssir applikazzjoni għall-Ħamrun Fest li ser issir f'Mejju 2013.

*3.5 Transport Malta – Reserved Parking Bay*

Transport Malta talbet lill-Kunsill biex jitneħħew ir-*reserved parking bay* quddiem 97, Triq il-Vittorja u s-sinjal isfar faċċata tal-garaxx 142, Triq il-Vittorja.

*3.6 Sinjura Paula Carmen Calleja – Motor Cycle Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sinjura Calleja biex issir *Motor Cycle Bay* fil-viċinanzi tar-residenza tagħha 198, Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi t-talba lill-Transport Malta.

*3.7 Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Armar tal-Festa*

Il-Kappillan talab lill-Kunsill biex qabel jagħti permess biex isiu toqob għall xi arbli jew armar tal-festa jikkonsulta mal-partijiet kollha konċernati.

*3.8 Onor. Dr. Luciano Busuttil – Sleeping Policeman*

L-Onor. Dr. Busuttil talab sabiex il-Kunsill jerġa' jpoġġi l-*isleeping policeman* li kien hemm fi Triq San Tumas qabel sar ir-*resurficing*. Il-Kunsill qabel li naraw il-permess oriġinali biex din terġa ssir fejn kienet.

Fis-6.15pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

*3.9 Lornit Ltd – Incident Management System*

Il-kumpanija Lornit Ltd talbet biex issir laqgħa mal-Kunsill biex jispjegaw *Incident Management System* li qed jofru.

*3.10 Awtorita' tad-Djar - Laqgħa*

Nhar il-Erbgħa 21 ta' Novembru 2012, is-Sindku mistieden għal-laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' tad-Djar biex jiġi diskuss il-Programm ta' manutenzjoni fl-komun tal-binjiet tal-Gvern.

*3.11 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali għall-Librerija*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda skema għall-Għajnuna lill-Kunsilli Lokali għall-Librerija Lokali. Id-Dipartiment ser jagħti sa massimu ta' €700. Mas-somma mogħtija mill-Gvern, il-Kunsill irid joħroġ somma ekwivalenti.

Is-Sinjura Carmen Borg resqet mozzjoni sabiex il-Kunsill jonfoq €700 mill-fondi tal-Kunsill bhala kotba taħt din l-iskema. Is-Sindku ssekonda. Ir-riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament.

*3.12 Sur Jude Mifsud – Un/loading Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mill-propjetarju tal-ħanut 'Midway Vendor' fi Triq Alexander fejn talab li ssirlu *un/loading bay* quddiem il-ħanut. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din it-talba lill-Transport Malta.

*3.13 Sinjura Sharon Cristina – Traffic Mirror*

Il-Kunsill irċieva talba biex issir *Traffic Mirror* fi Triq Qrejten faċċata ta' Triq l-Isptar. Ġie deċiż li ssir spjezzjoni fil-post.

*3.14 Sur Martin Buttiġieġ - Cat Cafe' fil-Ħamrun*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Buttiġieġ fejn issuġġerixxa li ssir Cat Cafe' faċċata ta' Blokk I fil-Qasam tal-Gvern tar-Rabbat, Ħamrun. Huwa offra l-għajnuna tiegħu f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iddeċieda li jkellem lill-għaqda *Stray Animal Support Group* biex jikseb aktar dettalji dwar it-twaqqif ta' Cat Cafe'.

*3.15 ETC - General Duties Clerk*

Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ bgħatet lista ta' erba' kandidati għall-post ta' skrivan mal-Kunsill Lokali Ħamrun taħt l-iskema *ta' "Impjieg Inklussiv fil-Komunita'"*. Dawn il-kandidati intalbu sabiex jibgħatu s-CV tagħhom sal-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2012. Il-Kunsill iddeċieda li nċemplu lill-kandidati biex naraw humix interessati.

*3.16 Dipartiment għall-Gvern Lokali – 'Libraries' Day'*

Il-Kunsilli Lokali ġew nfurmati li nhar il-Erbgħa 5 ta' Diċembru hija 'Libraries' Day' u għalhekk intalbu biex jestendu l-ftuħ tal-Librerija f'dan il-Jum. Il-Kunsill approva li jestendu l-ħin tal-ftuħ tal-Librerija.

*3.17 Residenti fi Triq Kanonku Bonnici – Sleeping Policeman*

Ir-residenti fi Triq Kanonku Bonnici kitbu l-Kunsill fejn talbu biex titneħħa *sleeping policeman* li hemm fit-triq peress li meta tagħmel ix-xita qiegħed jidħol ilma fir-residenzi. Il-Kunsill iddeċieda li jekk tiġi kkonfermata l-problema tal-ilma, l-*isleeping policeman* għandha titneħħa.

*3.18 Malta Association of Women in Business - Kors*

Il-MAWB infurmat lill-Kunsill li ser torganizza kors għan-nisa rigward il-qasam tan-negozju. Huma talbu jużaw is-sala tal-Kunsill f'każ li jsibu parteċipanti mill-Ħamrun. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 4. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*4.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa dwar il-ktieb fuq il-Ħamrun.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar eżerċizzju ta' *patching* fit-toroq ġewwa l-Ħamrun.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sallum l-Onor. Dr. Jason Azzopardi għadu ma sejjaħx laqgħa ma' Transport Malta. Ġie deċiż li tintbgħat ittra uffiċjali lill-Onor. Dr. Azzopardi f'dan ir-rigward.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa għall-għaqdiet Ħamruniżi rigward il-*Fun Run* tal-President. Huwa spjega li għalkemm ġew mistiedna l-Għaqdiet kollha tal-Ħamrun attendew biss rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp u Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni filwaqt li l-1st Ħamrun Scout Group kienu skużati. Huwa spjega li dawn l-Għaqdiet flimkien mal-Għaqda Mużikali San Gejtanu kienu importanti li jipparteċipaw.

- Is-Sindku spjega li l-problema taż-żgħażagħ li jitlajjaw quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill qed tkun kuljum. Huwa ssuġġerixxa li jinġabru stimi għall-CCTV cameras fl-uffiċċju tal-Kunsill kif ukoll għall-wesgħa li hemm quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill approva li jinġabru stimi. Ġie deċiż ukoll li tintalab laqgħa mas-Supt. Magri.

*4.2 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li nhar il-Ħamis waqt it-tħaffir li qed isir mill-Korporazzjoni Enemalta fi Triq il-Kbira San Ġużepp instab oġġett tal-ġebel li x'aktarx kien relatat ma' l-akwadott. Ittieħdu passi biex dan tpoġġa temporanjament il-Hobbies Society. Ġie deċiż li dan jinġabar u jittieħed fl-uffiċċju tal-Kunsill.

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa ser issir l-ewwel laqgħa bi tħejjija għall-Ġimgħa l-Kbira.

Fis-6.50pm s-Sinjura Carmen Borg ġiet skużata mill-laqgħa.

*4.3 Sotto Kumitat 2*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li nstabu ħames żgħażagħ biex jiffurmaw il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Sadanittant jekk hemm xi Kunsillieri jafu b'żgħażagħ oħra interessati għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

- Il-Kunsill iddeċieda li jinġabru stimi għall-*bins* għall-ħmieġ tal-klieb.

- Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jiġi rranġati jew jinbidlu l-*bins* imkissra li hemm fi Triq Schembri.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ġie nfurmat mis-Sur Bernard Vassallo mill-Kunsill Malti għall-Isport li l-Grawnd tal-Liċeo tas-Subien huwa diġa mikri mis-2.30pm 'l quddiem. Ġie deċiż li tintbgħat ittra lis-Sur Bernard Vassallo fejn il-Kunsill jitlob biex ikun jista' juża l-faċilitajiet sportivi ta' l-iskejjel fil-Ħamrun.

Fis-7.00pm s-Sur Mario Caruana ġie skużat mill-laqgħa.

- Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza klassijiet taż-Zumba. Il-Kunsill approva li jinġabru stimi tal-ispejjeż relatati f'dan ir-rigward.

- Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza attivita' f'St. Patrick's Day bl-involviment u parteċipazzjoni tal-ħwienet tax-xorb fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa għall-ħwienet konċernati nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2012.

## 5. <u>Parkeġġ fi Triq id-Duka ta' Edinburgh</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2012 fl-12.00pm infetħet il-kaxxa ta' l-offerta fil-preżenza tas-Sindku u s-Sur Gaetano Cuschieri instabu tlett (3) offerti.

Dawn kienu MCP Company Ltd - €21,105.00 u 50% tal-profitt fis-sena, KDM Traffic Ltd - €8,500 u 10% tal-profitt fis-sena u Parkwell Ltd - €1,200 u 80% tal-profitt fis-sena.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jgħaddi kopja tad-dokumenti lis-Sur Andrew Brincat u s-Sur Ernest Azzopardi biex iħejji rapport tekniku ta' l-offerti li daħħlu. Ġie deċiż li malli jkun lest ir-rapport tissejjaħ laqgħa ta' urġenza tal-Kunsill biex issir evalwazzjoni u jintagħżel il-kuntrattur mill-Kunsill.

## 6. Attivitajiet tal-Milied

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li mill-ħwienet li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp bejn Triq Dun Nerik Cordina Perez u Triq il-Lunzjata, tnejn biss mhux ser jiftħu l-Ħadd 16 ta' Diċembru 2012. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li l-*Christmas Carnival* issir il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2012.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kumpanija ta' Daniel's Shopping Complex offrew sponsor ta' €200, il-kumpanija Benna offriet sponsor ta' €300 u l-Bank of Valletta offrew sponsor ta' €300. Il-Kunsill iddeċieda li bil-fondi li nġabru mill-isponsors jordna karru għall-attivita'.

## 7. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

### 7.1 *Art mitluqa*

Dr. P. Mifsud Bonnici ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward l-art mitluqa li hemm fi Triq il-Kappillan Mifsud u li qed tkun ta' inkonvenjent għall-ġirien peress li persuni qed jarmu l-iskart fl-istess sit. Ġie deċiż li l-art titnaddaf u jitħawlu xi siġar.

### 7.2 *Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv*

Il-Kunsill jirrikonoxxi li minħabba l-eżiġenzi tax-xogħol, is-Segretarju Eżekuttiv ma setax jutilizza l-*Vacation Leave* kollu li kellu ghas-sena 2012. Għaldaqstant il-Kunsill approva unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv iżomm 58 siegħa ta' *Vacation Leave* li ma ttieħdux matul is-sena 2012 għas-sena 2013.

## 8. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sas-7 ta' Novembru 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

**9. <u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.40pm.

| | |
|---|---|
| ________________________ | _______________________ |
| Vincent Bonello<br>Sindku<br>Kunsill Lokali Ħamrun | Philip Massa<br>Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Ħamrun |

________________________

DATA